MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-1 ta' Lulju, 2019

Rikors Maħluf Numru 973/2015 LM

**Andrea Perrino (Passaport Taljan numru AS 7026066) u Maria Catalano (Passaport Taljan numru AS7031550) f'isimha proprju u bħala direttriċi tas-soċjetà TITANIC LIMITED (C 65371) kif debitament awtorizzata**

***vs.***

**Martin John (K.I. 35672M), Carlo (K.I. 0023589M), u Ivan (K.I. 352278M), aħwa Stivala u Stivala Properties Limited (C 51411)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fil-15 ta' Ottubru 2015, mill-atturi **Andrea Perrino** u **Maria Catalano proprio et nomine**, (minn issa 'l quddiem "l-atturi"), u maħluf minn Andrea Perrino stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi l-atturi konjuġi Andrea Perrino u Maria Catalano kienu inkwilini tal-fond 71, The Strand, Sliema skont skrittura ta' lokazzjoni tal-14 ta' Mejju, 2014 li kopja tagħha hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok. AP1;*
2. *Illi huma krew il-fond mingħand l-intimata Stivala Properties Limited liema soċjetà hija ġestita mill-intimati l-oħra fost l-oħrajn;*
3. *Illi għan-nom ta' Stivala Properties Limited kien iffirma għan-nom tal-istess soċjetà Carlo Stivala flimkien mar-rikorrenti konjuġi Perrino;*
4. *Illi r-rikorrenti soċjetà Titanic Limited hija proprjetarja tal-oġġetti kollha li kienu jinsabu fil-fond 71, The Strand, Sliema, skont riċevuti hawn annessi u mmarkati bħala Dok. AP2;*
5. *Illi fit-18 ta' Awwissu 2015 ir-rikorrenti Titanic Limited kienu qed joħorġu l-oġġetti tagħhom barra mill-fond imsemmi u ġew imwaqqfa milli jagħmlu dan minkejja li s-soċjetà Titanic Limited m'għandha tagħti xejn lis-soċjetà intimata;*
6. *Illi l-konjuġi Perrino fit-18 ta' Awwissu, 2015 ġew spossessati mill-inkwilinat tal-fond 71, The Strand, Sliema mill-intimati tant li biddlet is-serratura mill-istess intimati;*
7. *Illi s-soċjetà Titanic Limited ġew meħuda lilha b'serq, estorsjoni, falsità, frodi, l-oġġetti proprjetà tagħha li kienu jinsabu fil-fond imsemmi u liema oġġetti jinsabu f'idejn Carlo Stivala;*
8. *Illi l-intimati Martin John, Carlo u Ivan aħwa Stivala fit-18 ta' Awwissu, 2015 aċċedew fuq il-post flimkien mal-Pulizija u allegaw b'mod abbużiv u illegali illi l-konjuġi Perrino kienu qed jisirqu ħwejjeġ l-intimati meta effettivament dan kien il-kuntrarju ta' dak li kienu qed jallegaw peress li l-oġġetti fil-fond 71, The Strand, Sliema huma proprjetà ta' Titanic Limited;*
9. *Illi l-Pulizija arrestat immedjatament lil Andrea Perrino u ħaduh l-għassa ta' Tas-Sliema u dan fit-18 ta' Awwissu, 2015 u baqa' hemm mit-8.00 ta' fil-għodu sa-3.00 ta' wara nofsinhar meta l-Ispettur Neville Mercieca rrealizza li effettivament illi huwa ġie mqarraq mit-talba li kienet saritlu mill-aħwa Stivala;*
10. *Illi fil-frattemp l-aħwa Stivala ħadu mill-fond l-oġġetti kollha u ttentaw li jpoġġuhom taħt it-tutela tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili bi ħruġ ta' mandat ta' qbid numru 1323/15 Dok. AP4 fejn talbu lill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Ċivili tinnomina kunsinnatarju ċertu Dino Bonnici, impjegat tal-intimati biex iżomm l-istess oġġetti proprjetà ta' Titanic Limited;*
11. *Illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili rrifjutat tali nomina bid-digriet tagħha tat-18 ta' Awwissu, 2015 u l-oġġetti baqgħu f'idejn Carlo Stivala minkejja li dan huwa abbużiv u illegali;*

12. *Illi b'rikors għar-revoka r-rikorrenti odjerni talbu r-revoka ta' dan il-mandat li ġie miċħud fit-28 ta' Settembru, 2015 u dan stante illi f'dak l-istadju ma setax jiġi eskluż li uħud mill-oġġetti maqbuda ma kinux tal-konjuġi Perrino u dan mingħajr preġudizzju tad-dritt tas-soċjetajiet Titanic Limited u Ambiente e Sistemi Srl li jirrikorru għall-azzjoni appożita u dan skont Dok. AP5;*

13. *Illi Dino Bonnici ma jistax joqgħod bħala kunsinnatarju peress li huwa fl-impjieg dirett jew indirett tal-intimati u dan ai termini tal-Artikolu 287 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

14. *Illi qabel il-ħruġ ta' dan il-mandat kawtelatorju fit-18 ta' Awwissu, 2015 waqt li r-rikorrenti kienu l-għassa ta' Tas-Sliema, l-intimati spossessaw lir-rikorrenti mill-kirja tal-fond in kwistjoni u biddlulhom iċ-ċavetta tal-fond 71, The Strand, Sliema, li kien mikri lilhom u liema kirja ġiet konsegwentement terminata;*

15. *Illi l-intimati qed jirrifjutaw li jirritornaw l-oġġetti kollha li huma ħadu mill-fond in kwistjoni proprjetà ta' Titanic Limited anzi qed jippretendu li jistgħu jikru l-istess fond illi kien mikri lill-konjuġi Perrino lil terzi bi proprjetà mobbiljari ta' Titanic Limited u dan skont avviż fit-Times of Malta tal-24 u t-28 ta' Awwissu, 2015 li kopji tagħhom qed jiġu hawn annessi u mmarkati bħala Dok. AP3;*

16. *Illi r-rikorrenti Titanic Limited talbet lill-intimati biex jirritornawlha l-oġġetti meħuda mill-fond li kien lokat lill-konjuġi Perrino però baqgħu inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża;*

17. *Illi r-rikorrenti Titanic Limited sofriet danni peress li huma ma jistgħux jużaw l-oġġetti tagħhom u dan peress li dawn l-oġġetti fil-pussess ta' Carlo Stivala qed issirilhom il-ħsara;*

*Jgħidu l-intimati prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi għaliex din il-Qorti m'għandhiex:*

(1) *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-lokazzjoni tal-fond 71, The Strand, Sliema, li kien mikri lil Andrea Perrino u Maria Catalano skont skrittura ta' lokazzjoni tal-14 ta' Mejju, 2014 ġiet terminata tant li s-serratura tal-fond ġiet mibdula mill-intimati Stivala proprio et nomine u l-fond irritorna fil-pussess tal-intimata Stivala Properties Limited;*

(2) *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-oġġetti li kienu jinsabu fil-fond 71, The Strand, Sliema, skont dokument AP2 huma proprjetà tas-soċjetà Titanic Limited u għandhom jiġu ritornati lilha;*

(3) *Tikkundanna lill-intimati biex jirritornaw l-oġġetti li kienu jinsabu fil-fond 71, The Strand, Sliema, lil Titanic Limited u dan fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom iffissat minn din il-Qorti stante li mhumiex proprjetà tal-intimati;*

(4) *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati huma responsabbli għall-ħsara kollha li talvolta saret lill-oġġetti proprjetà ta' Titanic Limited skont dokument AP1 minħabba non uso kif ukoll peress id-dewmien fir-ritorn ta' dawn l-oġġetti ser jirrendihom mhux utilizzabbli;*

(5) *Tillikwida d-danni sofferti mill-istess rikorrenti Titanic Limited minħabba non uso kif ukoll peress id-dewmien fir-ritorn ta' dawn l-oġġetti ser jirrendihom mhux utilizzabbli;*

(6) *Tikkundanna lill-intimati sabiex iħallsu dawk id-danni hekk likwidiati lis-soċjetà Titanic Limited.*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tar-rikors għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru numru 1323/15 fl-ismijiet Stivala Properties Limited vs Andrea Perrino u tal-mandat ta' sekwestru numru 1336/15 u bl-inġunzjoni tal-intimat għas-subizzjoni u b'riserva għal kull azzjoni oħra spettanti lir-rikorrenti.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Stivala Properties Limited** (C 51411) (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta"), ippreżentata fid-9 ta' Novembru, 2015 u maħlufa minn Michael Stivala (K.I. 499374M) kif debitament awtorizzat, li permezz tagħha eċċepiet:

(1) *Illi t-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront ta' Stivala Properties Limited huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti;*

(2) *Illi mhux minnu li l-konjuġi Perrino ġew spossessati mill-inkwilinat tal-fond mikri lilhom. Qabel it-18 ta' Awwissu, 2015, il-konjuġi Perrino kienu qalu li ma jistgħux ikomplu jħallsu l-kera u talbu li jitterminaw il-kirja. Illi l-partijiet u ċioe Stivala Properties Limited u l-konjuġi Perrino kienu fi trattattivi dwar il-possibbli terminazzjoni tal-kirja. Ġara iżda li kmieni filgħodu, bil-moħbi, fit-18 ta' Awwissu, 2015, il-konjuġi Perrino kienu qed jieħdu l-affarijiet kollha tagħhom mill-fond fi trakk f'tentattiv li jitilqu minn Malta mingħajr ma jħallsu dak kollu dout minnhom lil Stivala Properties Limited. Bil-fortuna l-esponenti ndunaw x'kien qed jiġri u għalhekk Stivala Properties Limited ħadet passi sabiex l-affarijiet u oġġetti li kienu fil-proprjetà ta' Stivala Properties Limited jiġu maqbuda mill-Qorti sabiex ikunu ta' garanzija għal ammont sostanzjali li kien dovut mill-konjuġi Perrino lil Stivala Properties Limited;*

(3) *Illi l-oġġetti msemmija fir-rikors mhumiex f'idejn l-esponenti iżda maqbuda b'mandat ta' qbid mill-Qorti u għalhekk ukoll it-talba fil-konfront tagħhom hi infondata;*

(4) *Illi r-rikorrenti għamlu talba għar-revoka tal-mandat liema talba ġiet miċħuda mill-Qorti;*

(5) *Illi dwar il-konsenjatarju sar rikors u l-konsenjatarju issa huwa konsenjatarju skont il-liġi;*

(6) *Illi l-esponenti mhumiex responsabbli għal xi danni li setgħu jsofru r-rikorrenti billi ma għamlu xejn ħlief li rrapportaw lil Perrino u Catalano kienu se joħorġu affarijiet mill-ħanut li kien mikri lilhom. Fost dawn l-affarijiet kien hemm oġġetti ta' Stivala Properties Limited u dawn l-affarijiet kienu l-unika garanzija li kellha Stivala Properties Limited li titħallas tal-kera, dawl u ilma, liċenzji u 'penalty/fines';*

(7) *Illi skont il-kuntratt bejn il-konjuġi Perrino u Stivala Properties Limited (Dok. AP1) esebit mir-rikorrenti din il-kirja hija valida sal-1 ta' Awwissu, 2016 u l-konjuġi Perrino ma kellhomx id-dritt li unilateralment jitterminaw il-kirja;*

(8) *Illi Stivala Properties Limited għamlet kawża kontra Perrino u Catalano in konnessjoni mal-ammont dovut.*

(9) *Salv eċċezzjonijiet oħra.*

Rat ir-Risposta Maħlufa mressqa minn **Martin John Stivala** (K.I. 35672M), **Carlo Stivala** (K.I. 23589M) u **Ivan Stivala** (K.I. 352278M) (minn issa 'l quddiem "il-konvenuti"), ippreżentata fid-9 ta' Novembru, 2015, u maħlufa minn Martin John Stivala (K.I. 35672M), li permezz tagħha eċċepew:

1. *Illi huma personalment mhumiex il-leġittimi kontraditturi u għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju. Illi l-iskrittura ta' kera hija bejn Andrea Perrino u Maria Catalano f'isimhom personali u s-soċjetà Stivala Properties Limited (Dok. AP1 esebit mir-rikorrenti). Illi l-esponenti ma għandhom ebda relazzjoni ġuridika ma' Andrea Perrino, Maria Catalano u lanqas ma' Titanic Limited;*

2. *Illi Martin John Stivala, Carlo Stivala u Ivan Stivala mhumiex partijiet imsemmijin fl-iskrittura ta' kera u għalhekk ma jistgħux jirrispondu għall-ewwel talba li hija*

*talba dwar jekk il-kirja ġietx itterminata jew le. Lanqas jistgħu jikkummentaw dwar jekk l-oġġetti huma ta' Titanic Limited jew le.*

3. *Illi t-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tagħhom huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom;*

4. *Illi mhux minnu li l-konjuġi Perrino ġew spossessati mill-inkwilinat tal-fond mikri lilhom. Qabel it-18 ta' Awwissu, 2015 il-konjuġi Perrino kienu qalu li ma jistgħux ikomplu jħallsu l-kera u talbu li jitterminaw il-kirja. Illi l-partijiet (tal-kirja) u ċioe Stivala Properties Limited u l-konjuġi Perrino kienu fi trattattivi dwar il-possibbli terminazzjoni tal-kirja. Ġara iżda li kmieni filgħodu, bil-moħbi, fit-18 ta' Awwissu, 2015, il-konjuġi Perrino kienu qed jieħdu l-affarijiet kollha tagħhom mill-fond fi trakk f'tentattiv li jitilqu minn Malta mingħajr ma jħallsu dak kollu dovut minnhom lil Stivala Properties Limited. Bil-fortuna l-esponenti ndunaw x'kien qed jiġri u għalhekk Stivala Properties Limited ħadet passi sabiex l-affarijiet u oġġetti li kienu fil-proprjetà ta' Stivala Properties Limited jiġu maqbuda mill-Qorti sabiex ikun ta' garanzija għal ammont sostanzjali li kien dovut mill-konjuġi Perrino lil Stivala Properties Limited;*

5. *Illi l-oġġetti msemmija fir-rikors mhumiex f'idejn l-esponenti iżda maqbuda b'mandat ta' qbid mill-Qorti u għalhekk ukoll it-talba fil-konfront tagħhom hi infondata;*

6. *Illi r-rikorrenti għamlu talba għar-revoka tal-mandat liema talba ġiet miċħuda mill-Qorti;*

7. *Illi dwar il-konsenjatarju sar rikors u l-konsenjatarju issa huwa konsenjatarju skont il-liġi;*

8. *Illi l-esponenti mhumiex responsabbli għal xi danni li setgħu jsofru r-rikorrenti billi ma għamlu xejn ħlief li rraportaw li Perrino u Catalano kienu se joħorġu affarijiet mill-ħanut li kien mikri lilhom. Fost dawn l-affarijiet kien hemm oġġetti ta' Stivala Properties Limited u dawn l-affarijiet kienu l-uniku garanzija li kellha Stivala Properties Limited li titħallas tal-kera, dawl u ilma, liċenzji u 'penalty / fines'.*

9. *Salv eċċezzjonijiet oħra.*

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Marzu, 2016 fejn il-partijiet għamlu riferiment għall-kawża Rikors Maħluf Nru 972/2015 LM u ddikjaraw lil minħabba l-konnessjoni li teżisti bejn iż-żewġ kawżi, il-provi mressqa f'dik il-kawża għandhom jgħoddu wkoll għal din il-kawża.

Rat l-atti kollha tal-kawża u tal-kawża Rikors Maħluf Nru 972/2015 LM.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti u fl-atti tal-kawża Rikors Maħluf Nru 972/2015 LM.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet f'din il-kawża u fil-kawża Rikors Maħluf Nru 972/2015 LM.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-28 ta' Jannar, 2019, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet ippreżentati fl-atti tal-kawża Rikors Maħluf Nru 972/2015 LM.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Mejju, 2019 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Il-kawża odjerna tressqet minn Andrea Perrino u minn Maria Catalano f'isimha proprju u in rappreżentanza tas-soċjetà attriċi Titanic Limited, liema soċjetà kienet akkwistat diversi oġġetti li kienu jinsabu fl-istabbiliment bin-numru 71, The Strand, Sliema, li kien mikri lill-atturi Andrea Perrino u Maria Catalano personalment minn Stivala Properties Limited, bl-intiża li dan il-fond jintuża mill-atturi bħala ristorant. L-atturi ppremettew li diversi oġġetti li kienu jinsabu fl-istabbiliment inkwistjoni, fosthom imwejjed u siġġijiet, kienu ġew akkwistati minn Titanic Limited, u li fit-18 ta' Awwissu 2015, l-atturi, f'isem Titanic Limited, kienu qegħdin jittentaw joħorġu l-oġġetti ta' Titanic Limited

mill-fond mikri lilhom, meta twaqqfu milli jkomplu jagħmlu dan minn esponenti tas-soċjetà konvenuta, li għamlu rapport lill-Pulizija li l-atturi Andrea Perrino u Maria Catalano kienu qegħdin jisirqu proprjetà tas-soċjetà konvenuta mill-fond inkwistjoni. Il-konvenuti talbu u kisbu l-ħruġ ta' mandat ta' qbid[1], sabiex l-oġġetti li kien hemm fl-istabbiliment li kien mikri lill-atturi Andrea Perrino u Maria Catalano jinżammu taħt il-kustodja ta' kunsinnatarju bħala garanzija għall-ħlasijiet talvolta dovuti minnhom lis-soċjetà konvenuta Stivala Properties Limited. L-atturi jsostnu li dawn l-oġġetti maqbuda huma proprjetà ta' Titanic Limited li ma kienet ikkontrattat l-ebda ftehim mal-konvenuti u li m'għandha tagħti xejn lis-soċjetà konvenuta. L-atturi jsostnu li huma sfaw spossessati mill-kirja tal-fond meta wieħed mill-konvenuti bidel is-serratura tal-fond fil-preżenza tal-Pulizija fit-18 ta' Awwissu, 2015, u dan l-aġir jammonta għal serq, estorsjoni, falsità u frodi fuq is-soċjetà Titanic Limited minħabba fil-mod kif l-oġġetti tagħha ttieħdu mill-pussess tagħha u issa qegħdin fil-pussess ta' Carlo Stivala. L-atturi jsostnu li r-rapport lill-Pulizija li kien qiegħed jitwettaq serq minn proprjetà tas-soċjetà konvenuta kien wieħed fieragħ u mingħajr bażi, u dan minħabba li l-oġġetti li kienu qegħdin jinġarru mill-fond inkwistjoni jappartjenu lil Titanic Limited, li m'għandha tagħti xejn lill-konvenuti. Intqal ukoll li l-kunsinnatarju maħtur biex jieħu l-oġġetti elevati taħt il-kustodja tiegħu ma setax jiġi maħtur mill-Qorti peress li fiż-żmien li dan ġie maħtur bħala kunsinnatarju, huwa kien impjegat mas-soċjetà konvenuta. L-atturi lmentaw li l-konvenuti baqgħu jirrifjutaw li jirritornaw lil Titanic Limited l-oġġetti elevati mill-fond, u saħansitra daħlu f'kirja ma' terzi tal-fond inkwistjoni li kellu fih proprjetà mobbiljari ta' Titanic Limited. Ġie premess mill-atturi wkoll li huma sofrew danni minħabba li Titanic Limited ma tistax

[1] Mandat ta' Qbid kawtelatorju numru 1323/2015.

tuża l-oġġetti tagħha, u n-nuqqas ta' użu ta' dawn l-oġġetti qiegħed iwassal għal telf fil-valur tagħhom.

In vista ta' dan kollu, l-atturi talbu lill-Qorti tiddikjara li l-lokazzjoni tal-fond 71, The Strand, Tas-Sliema ġiet terminata dakinhar li ġiet mibdula s-serratura tal-fond inkwistjoni, u l-fond irritorna lura fil-pussess ta' Stivala Properties Limited; dikjarazzjoni li l-oġġetti kollha fil-fond inkwistjoni huma proprjetà ta' Titanic Limited, u għalhekk għandhom jiġu ritornati lilha fi żmien li jiġi stabbilit mill-Qorti; dikjarazzjoni li l-konvenuti huma responsabbli għall-ħsara kollha li talvolta saret lill-oġġetti ta' Titanic Limited minħabba n-nuqqas ta' użu, u l-fatt li d-dewmien fir-ritorn ta' dawn l-oġġetti ser jirrendihom mhux utilizzabbli; il-likwidazzjoni ta' tali danni u kundanna għall-ħlas tal-istess danni.

Is-soċjetà konvenuta min-naħa tagħha eċċepiet li t-talbiet fil-konfront tagħha huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż. Ġie eċċepit li mhux minnu li l-atturi ġew spossessati mill-kirja tal-fond, u l-oġġetti elevati minn dan il-fond ser jintużaw bħala garanzija għall-ħlasijiet dovuti mill-atturi lis-soċjetà konvenuta. Intqal ukoll li l-oġġetti elevati mhumiex f'idejn l-esponenti, iżda jinsabu miżmuma taħt l-awtorità tal-Qorti, u minkejja li l-atturi diġà għamlu talba għar-revoka tal-mandat ta' qbid, din it-talba ġiet miċħuda. Is-soċjetà konvenuta eċċepiet ukoll li ma ġiet sofferta l-ebda ħsara mill-atturi, stante li fost l-oġġetti kien hemm oġġetti proprjetà ta' Stivala Properties Limited, u l-qbid tal-oġġetti kien l-uniku mod kif Stivala Properties Limited kienet ser titħallas ta' dak li kien dovut lilha. Is-soċjetà konvenuta qalet li l-kirja kienet valida sal-1 ta' Awwissu, 2016, u kienu l-atturi li tterminaw il-kirja unilateralment.

Il-konvenuti aħwa Stivala min-naħa tagħhom eċċepew li huma personalment mhumiex leġittimi kontraditturi u għandhom jinħelsu mill-osservanza tal-ġudizzju, stante li l-ftehim ta' kera inkwistjoni kien sar bejn Andrea Perrino u Maria Catalano min-naħa waħda u Stivala Properties Limited min-naħa l-oħra, b'dan illi l-aħwa Stivala m'għandhom l-ebda relazzjoni ġuridika la mal-atturi u lanqas ma' Titanic Limited. In vista ta' dan, il-konvenuti aħwa Stivala wieġbu li huma ma jistgħux jirrispondu dwar jekk il-kirja ġietx terminata jew le fit-18 ta' Awwissu, 2015, u lanqas dwar jekk l-oġġetti elevati mill-fond inkwistjoni humiex proprjetà ta' Titanic Limited jew le. Ġie eċċepit ukoll li t-talbiet li saru huma infondati fil-konfront tagħhom u għandhom jiġu miċħuda, u l-oġġetti li l-atturi qegħdin jibbażaw l-azzjoni tagħhom fuqhom, jinsabu miżmuma taħt l-awtorità tal-Qorti.

**Provi u riżultanzi**

Flimkien mar-rikors maħluf imressaq minnhom, l-atturi ppreżentaw kopja tal-ftehim ta' kera ffirmat bejn il-partijiet fl-14 ta' Mejju, 2014, bejn Michael Stivala għas-soċjetà konvenuta, u Andrea Perrino u Maria Catalano bħala inkwilini.[2] Dan il-ftehim jistabbilixxi li l-ħlas ta' kera għall-fond 71, The Strand, Sliema huwa ta' €200 kull ġurnata matul l-ewwel sena tal-kera, u ta' €250 kull ġurnata matul it-tieni sena tal-kirja. Skont il-kuntratt kellu jitħallas depożitu fis-somma ta' €7,500 mal-iffirmar tal-ftehim bejn il-partijiet, u l-ħlas ta' €7,500 oħra fl-1 ta' Jannar, 2015, liema depożitu għandu jitħallas lura lill-inkwilin fi tmiem il-kirja, ġaladarba sid il-kera jkun sodisfatt li l-fond tħalla fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u l-kontijiet pendenti jkunu tħallsu kollha mill-atturi.

[2] *A fol.* 5 tal-proċess.

L-atturi ppreżentaw ukoll għadd ta' *invoices* u fatturi ta' ordnijiet ta' għamajjar u oġġetti oħra għall-arredament tal-istabbiliment mikri minnhom, liema fatturi jindikaw li l-ordnijiet rispettivi kienu saru minn Titanic Limited, fosthom fattura maħruġa minn A&J Quality Products għal ordni li tammonta għal €436.69, u ordni fl-ammont ta' €879.65 u ordni fl-ammont ta' €81.48[3]; ordni mingħand Homemate fl-ammont ta' €82.85[4]; ordni mingħand Fratelli Debattista fl-ammont ta' €40[5]; ordni mingħand Electrical Supplies & Services fl-ammont ta' €168.50[6]; fattura maħruġa minn A&J Quality Products għal ordni li tammonta għal €81.48[7]; irċevuta għax-xiri ta' *gas leak detector alarm* mingħand Michael Galea fl-ammont ta' €1,398.30[8]; fatturi għax-xiri ta' oġġetti mingħand C&H Bartoli fl-ammont ta' €41,624.19[9], fl-ammont ta' €3,717.85[10], fl-ammont ta' €6,168.41[11], fl-ammont ta' €676.85[12], fl-ammont ta' €1,180.25[13], fl-ammont ta' €281.31[14], fl-ammont ta' €337.95[15], fl-ammont ta' €65.25[16], fl-ammont ta' €83.03[17], fl-ammont ta' €3,027.41[18], fl-ammont ta' €11.28[19], fl-ammont ta' €32.81[20], fl-ammont ta' €10.05[21], fl-ammont ta' €39.78[22], u fl-ammont ta' €56.64[23]; irċevuti maħruġa minn SAE Showroom (kumpannija Taljana) fl-ammont ta' €13,000 minn fejn saret l-ordni tal-

[3] *A fol.* 16, 17 u 21 tal-proċess.
[4] *A fol.* 18 tal-proċess.
[5] *A fol.* 19 tal-proċess.
[6] *A fol.* 20 tal-proċess.
[7] *A fol.* 21 tal-proċess.
[8] *A fol.* 22 tal-proċess.
[9] *A fol.* 23 u 24 tal-proċess.
[10] *A fol.* 26 tal-proċess.
[11] *A fol.* 29 tal-proċess.
[12] *A fol.* 34 tal-proċess.
[13] *A fol.* 35 tal-proċess.
[14] *A fol.* 37 tal-proċess.
[15] *A fol.* 38 tal-proċess.
[16] *A fol.* 49 tal-proċess.
[17] *A fol.* 50 tal-proċess.
[18] *A fol.* 52 tal-proċess.
[19] *A fol.* 53 tal-proċess.
[20] *A fol.* 58 tal-proċess.
[21] *A fol.* 61 tal-proċess.
[22] *A fol.* 62 tal-proċess.
[23] *A fol.* 63 tal-proċess.

imwejjed u siġġijiet[24]; irċevuta maħruġa mingħand FM Environmental (Malta) Ltd fl-ammont ta' €1,770[25]; fattura maħruġa minn Eventi Service għax-xiri ta' oġġetti bħal platti u oġġetti oħra relatati għall-użu fir-ristorant fl-ammont ta' €6,064.90[26]; fattura maħruġa minn Mirage Holdings Ltd fl-ammont ta' €62.04[27]; fattura maħruġa minn SAE Show Room Srl għax-xiri ta' siġġijiet u mwejjed għall-użu fir-ristorant fl-ammont ta' €10,000[28]; ordni mingħand Pace & Pace Company Limited għas-sinjali u logo tal-istabbiliment fl-ammont ta' €3,245[29]; fattura maħruġa minn Ikea Italia u minn stabbiliment bl-isem Bialetti li jinsab l-Italja[30]; irċevuta maħruġa minn Sound Machine Digital World għax-xiri ta' tagħmir fl-ammont ta' €170[31]; fattura maħruġa minn Profumi e Sapori del Sud b'ordni ta' diversi prodotti tal-ikel[32]; fatturi maħruġa minn jmp & Co. Ltd fl-ammont ta' €351.78[33]; fattura oħra maħruġa minn Eventi Service fl-ammont ta' €256.95[34]; fattura oħra maħruġa minn A to Z Electronics għax-xiri ta' *food processor* fl-ammont ta' €94[35]; fattura fl-ammont ta' €33 maħruġa minn Fire & Security Engineering[36]; irċevuta għall-ammont ta' €215.05 maħruġa minn Alberta Fire and Security Equipment Limited[37]; irċevuta ta' €650 maħruġa minn Fredrick Gatt għall-installazzjoni ta' *fire alarm*[38]; irċevuta ta' €155.76 maħruġa minn Alberta Fire and Security Equipment Limited[39]; fattura maħruġa minn Società Agricola Ca. Pri srl minn fejn saret ordni ta'

[24] *A fol.* 25 tal-proċess.
[25] *A fol.* 28 tal-proċess.
[26] *A fol.* 31 u 32 tal-proċess.
[27] *A fol.* 36 tal-proċess.
[28] *A fol.* 33 tal-proċess.
[29] *A fol.* 39 tal-proċess.
[30] *A fol.* 40 u 41 tal-proċess.
[31] *A fol.* 42 tal-proċess.
[32] *A fol.* 43 tal-proċess u *a fol.* 55 tal-proċess.
[33] *A fol.* 45 tal-proċess.
[34] *A fol.* 47 tal-proċess.
[35] *A fol.* 48 tal-proċess.
[36] *A fol.* 54 tal-proċess.
[37] *A fol.* 55 tal-proċess.
[38] *A fol.* 56 tal-proċess.
[39] *A fol.* 57 tal-proċess.

inbejjed, ammontanti għal €945[40]. Ġew esebiti wkoll kopji tar-reklami li dehru fil-ġurnal *The Times of Malta* fl-24 u t-28 ta' Awwissu 2015 dwar l-kiri tal-istabbiliment inkwistjoni, li kien jgħid li f'każ li r-ristorant jinkera bit-tagħmir li hemm fih, irid jitħallas rigal.[41] It-total ta' dawn il-fatturi b'ordnijiet għax-xiri ta' apparat meħtieġ għall-ġestjoni tal-istabbiliment inkwistjoni, jammonta għal €97,413.95, li ammont żgħir minnu, fir-riwgard ta' fattura maħruġa minn C&H Bartoli Limited, jirriżulta li kien tħallas mis-soċjetà Stivala Properties Limited.

L-atturi ppreżentaw ukoll kopji tad-dokumenti kollha marbuta mal-mandat ta' qbid fl-ismijiet **Stivala Properties Limited *vs* Andrea Perrino u Maria Catalano**[42], fejn il-kawżali ta' Stivala Properties Limited kienet għall-ħlas tal-ammont dovut in konnessjoni mal-kirja tal-fond 71, The Strand, Tas-Sliema fis-somma ta' €181,880.

Fl-udjenza tas-26 ta' Ottubru, 2016 xehdet **Maria Catalano**[43], li qalet li hi tamministra s-soċjetà Titanic Limited, u għadd ta' oġġetti li kienu nxtraw għall-istabbiliment mertu ta' dawn il-proċeduri jappartjenu lis-soċjetà Titanic Limited. L-attriċi żiedet tgħid li l-oġġetti li nxtraw kienu tħallsu fl-intier tagħhom minnha. Qalet li dakinhar tat-18 ta' Awwissu 2015, hi u r-raġel tagħha spiċċaw mingħajr aċċess għall-istabbiliment inkwistjoni minħabba li meta marru l-aħwa Stivala fuq il-post, flimkien ma' uffiċjali tal-Pulizija, dawn bidlu s-serratura tal-bieb ta' barra, bil-konsegwenza li l-konvenuti ma setgħux jerġgħu jidħlu fil-post u jieħdu l-effetti personali tagħhom minn hemmhekk. L-attriċi qalet li s-Surġent tal-għassa ta' Tas-Sliema taha parir li tippreżenta kopja tad-dokumenti li juru li hi u r-raġel tagħha kienu xtraw uħud mill-oġġetti

[40] *A fol.* 60 tal-proċess.
[41] *A fol.* 67 u 68 tal-proċess.
[42] *A fol.* 69 tal-proċess.
[43] *A fol.* 114 tal-proċess.

li nstabu fuq il-post. Qalet li wħud mill-effetti personali tal-atturi baqgħu fil-fond inkwistjoni, u fil-preżent dawn l-oġġetti qegħdin jintużaw minn persuni oħra li krew l-istabbiliment warajhom. Żiedet tgħid li meta esponenti tas-soċjetà konvenuta bdew jirriklamaw ir-ristorant inkwistjoni għall-kiri, dawn kienu rreklamawh bħala post avvjat, bl-oġġetti personali tal-atturi fih. Qalet li hi u r-raġel tagħha kienu għamlu ftehim mal-esponenti tas-soċjetà konvenuta, u għalkemm qalet li hi ma tafx id-dettalji tal-ftehim, hija taf li kien ġie miftiehem li ma jsirx ħlas tal-kera da parti tal-atturi għal xi xhur.

Fl-istess udjenza xehed l-**Ispettur Neville Mercieca**[44], li qal li fit-18 ta' Awwissu 2015, għall-ħabta tas-07:15 ta' filgħodu, il-Pulizija rċeviet żewġ rapporti, wieħed mingħand Carlo Stivala, li talab l-assistenza tal-Pulizija minħabba li allega li kien qiegħed jiġi misruq mir-ristorant bl-isem 'Tavola di Puglia', li hu proprjetà tiegħu. Ix-xhud qal li Stivala kien informa lill-Pulizija li Perrino kien qiegħed jikri ristorant mingħandu, u fl-aħħar ħames xhur ma kienx ħallas il-kera dovuta, li kienet tammonta għal madwar €7,500 u dan kien se jagħlaq in-negozju minħabba li ma kienx qiegħed irendi. Qal li Carlo Stivala u l-atturi kellhom ftehim bejniethom li meta jinstab inkwilin ieħor għall-ħanut, Perrino kellu jħalli l-post. Carlo Stivala kien informa lill-Pulizija wkoll li hu kien fil-proċess li jagħmel mandat ta' qbid minħabba li l-atturi ma kinux qegħdin iħallsu l-kera dovuta. Ix-xhud kompla jgħid li Andrea Perrino ttieħed l-għassa, fejn ippreżenta rċevuti ta' xi apparat mixtri minnu għall-istabbiliment inkwistjoni, għalkemm sussegwentement Carlo Stivala wkoll ippreżenta irċevuti identiċi għax-xiri tal-istess apparat, u ġie spjegat li Stivala kienu daħlu biex jagħmlu tajjeb għad-dejn li Perrino kellu mal-fornitur tal-oġġetti akkwistati minnu għall-ħanut. Ix-xhud qal ukoll li s-serratura tal-post kienet

[44] *A fol.* 117 tal-proċess.

inbidlet minn Stivala kontra l-parir tal-Pulizija, u Andrea Perrino ngħata ċ-ċavetta l-antika tal-post, li però ma seta' jagħmel xejn biha minħabba li Carlo Stivala kien laħaq bidel is-serratura. Ix-xhud kompla jispjega li fl-20 ta' Awwissu 2015, Carlo Stivala kien iddepożita fl-għassa tal-Pulizija *router* u *telephone* li kienu fl-istabbiliment mikri lill-atturi, minħabba li dawn kienu proprjetà ta' Perrino. Qal ukoll li dakinhar stess kien mar ikellmu rappreżentant mill-Ambaxxata Taljana, minħabba li Perrino kien għamel rapport ta' natura ċivili wara li Carlos, Ivan u Martin John Stivala kienu ħadu l-apparat tiegħu u sakkruh ġewwa garaxx. Perrino kien allega li kienu ttieħdulu għadd ta' mwejjed u siġġijiet, kċina, u oġġetti oħra li l-valur tagħhom kien jammonta għal madwar mija u għoxrin elf Euro (€120,000). Ix-xhud qal ukoll li l-oġġetti li laħqu tgħabbew fuq it-trakk ittieħdu minn Stivala, għalkemm ma setax jikkonferma dawn l-affarijiet fejn ittieħdu. Qal ukoll li l-attur ma ħa xejn mill-oġġetti li kien hemm fl-istabbiliment. Ix-xhud ippreżenta kopja tar-rapport li kien sar lill-Pulizija f'dan ir-rigward.[45] Ix-xhud ippreżenta wkoll kopja tar-rapport li kien għamel Andrea Perrino[46], wara li allega li kienu ttieħdu xi oġġetti mill-istabbiliment mertu ta' dawn il-proċeduri mill-aħwa Stivala, il-valur ta' liema oġġetti kien ta' madwar €120,000.

Fl-udjenza tat-28 ta' Novembru, 2016 xehed **Alan Bartoli,** *managing director* tas-soċjetà C & H Bartoli Limited[47], li qal li l-atturi kienu xtraw numru ta' oġġetti mingħandu, il-valur ta' liema oġġetti kien jammonta għal madwar €40,000. Ix-xhud kompla jgħid li l-ħlas għal dawn l-oġġetti kien sar mill-atturi, għalkemm kien hemm bilanċ relattivament żgħir pendenti li kien tħallas mis-soċjetà konvenuta Stivala Properties Limited, wara li wieħed mill-aħwa Stivala

[45] *A fol.* 101 tal-proċess.
[46] *A fol.* 107 tal-proċes
[47] *A fol.* 121 tal-proċess.

kien infurmah li huma kienu ser jagħmlu tajjeb għall-ammont li kien għad hemm pendenti. Qal li min-naħa tiegħu hu kien ħareġ kont bi kreditu lill-atturi sabiex joqtol il-bilanċ li kien għadu jidher li jrid jitħallas minnhom, u fattura lil Carlo Stivala, li eventwalment tħallset mis-soċjetà konvenuta. Ix-xhud qal li għandu dokumentazzjoni b'dettalji tal-oġġetti li nxtraw mill-atturi mingħandu. Spjega li l-ewwel tranżazzjoni mal-atturi saret f'April jew Mejju tal-2014, u l-ewwel ħlas tad-depożitu għax-xiri ta' dawn l-oġġetti kien sar fl-1 ta' Lulju, 2014. Ix-xhud qal ukoll li l-ewwel kont li nħareġ kien għall-ammont ta' €41,624, u dan il-kont inħareġ lejn l-aħħar ta' Awwissu tal-2014. Ix-xhud qal li bejn Lulju tal-2014 u Jannar tal-2015 inħarġu madwar tnax-il fattura oħra fir-rigward tal-atturi u qal li l-kumpannija rappreżentata minnu kienet fetħet kont għall-atturi, minħabba li dawn ma kinux ser iħallsu mill-ewwel għal kull oġġett li jinbiegħ lilhom. Għad-domandi li sarulu in kontroeżami, ix-xhud qal li minkejja li kien hemm żmien meta kien hemm diffikultà biex jiġi stabbilit kuntatt mal-atturi, eventwalment dawn ġew ikkuntattjati u kienu infurmawh li għalkemm kienu qegħdin isibu l-affarijiet diffiċli hawn Malta, madanakollu assigurawh li ma kienx ser ikollu problemi biex jitħallas. Dan ix-xhud esebixxa fatturi għal oġġetti ordnati li l-ħlas tagħhom kien sar minn Stivala Properties Limited, fl-ammonti ta' €2,932.79[48] u €3,355.74.[49] Ix-xhud esebixxa wkoll kopja ta' fattura[50] li tindika liema huma l-oġġetti ordnati minn Titanic Limited u li l-ħlas tagħhom sar minn Andrea Perrino, bil-*credit note* li saret referenza għaliha mix-xhud waqt ix-xhieda tiegħu, li tindika li minn dakinhar 'il quddiem il-ħlasijiet pendenti għamlet tajjeb għalihom is-soċjetà konvenuta.

---

48 *A fol.* 128 tal-proċess.
49 *A fol.* 129 tal-proċess.
50 *A fol.* 130 tal-proċess.

Fl-istess udjenza xehdet **WPS 215 Valerie Farrugia**[51], li qalet li l-ewwel rapport li rċeviet il-Pulizija dakinhar tat-18 ta' Awwissu, 2015 kien minħabba li kien hemm *container* max-xatt li kien qiegħed jimblokka l-aċċess għat-traffiku. Qalet li meta marru l-Pulizija fuq il-post kienu sabu lil Carlos u lil Martin John Stivala qegħdin jargumentaw ma' Andrea Perrino, u Carlos Stivala beda jallega li Perrino kien qiegħed jipprova jisraq xi oġġetti mir-ristorant inkwistjoni, fosthom *air conditioning unit* u xi apparat tal-kċina. Ix-xhud qalet li fil-fatt dawn l-affarijiet kien jidher li kienu qegħdin jitgħabbew fil-*container.* Ix-xhud qalet ukoll li Carlo Stivala kien qalilha li kien hemm xi oġġetti li kienu jappartjenu lill-atturi, fosthom imwejjed u siġġijiet, l-apparat kollu tal-bar u l-ikel u x-xorb li nstab fil-post. Ix-xhud qalet li dak il-ħin la l-aħwa Stivala u lanqas l-atturi ma kellhom dokumentazzjoni biex jippruvaw liema mill-oġġetti fuq il-post kienu tagħhom, u l-oġġetti li laħqu tgħabbew fuq it-*trailer* kienu baqgħu fuq it-*trailer.* Ix-xhud qalet li fil-frattemp wasal Pulizija tat-traffiku minħabba fil-konġestjoni li nħolqot max-xatt, li talabhom jipparkjaw it-*trailer* faċċata, u sadanittant Martin John Stivala beda jbiddel is-serratura tal-post. Qalet li Martin John Stivala infurmaha li hu kellu jiġbor arretrati ta' kera li ma kinux tħallsu, u kien qiegħed jibdel is-serratura sabiex jipproteġi l-interessi tiegħu. Ix-xhud żiedet tgħid li anki Andrea Perrino qalilha li xtaq jittermina l-kuntratt ta' kera minħabba li n-negozju ma kienx sejjer tajjeb. Kompliet tgħid li Perrino qalilha li hu kellu ftehim ma' Stivala li kien ser jixtri l-affarijiet mingħandu, għalkemm dan l-arranġament bejn il-partijiet kien sfaxxa. Qalet ukoll li Perrino kien infurmaha li kien ser jitlaq minn Malta. Żiedet tgħid li Carlo Stivala kien infurmaha li kien fetaħ kawża ċivili u li kien ser jagħmel mandat sabiex jieħu pussess tal-affarijiet minħabba li l-kera ma kinitx tħallset.

---

[51] *A fol.* 131 tal-proċess.

Fl-istess udjenza xehed il-**PC 729 Kevin Decelis**[52] li qal li dakinhar tat-18 ta' Awwissu 2015 hu kien irċieva telefonata li fix-xatt ta' Tas-Sliema kien hemm *container* ipparkjat fin-nofs b'mod li beda jostakola t-traffiku, u meta l-Pulizija waslu fuq il-post kienu ġew infurmati minn Carlo Stivala li l-atturi kienu qegħdin jippruvaw jisirquh. Qal li hu ra lil wieħed mill-aħwa Stivala jbiddel is-serratura tal-istabbiliment. Ix-xhud ikkonferma li wara ftit tal-ħin, it-trakk ittieħed in-naħa l-oħra tat-triq sabiex ma jibqax jostakola t-traffiku, għalkemm qal li ma jafx l-affarijiet li kienu tgħabbew fuq it-trakk x'sar minnhom wara.

**<u>Konsiderazzjonijiet Legali</u>**

Din il-kawża ġiet ippreżentata mill-atturi kemm f'isimhom personali kif ukoll f'isem is-soċjetà Titanic Limited, liema soċjetà hija ġestita mill-attriċi, wara li għadd ta' oġġetti li kienu ġew akkwistati mis-soċjetà Titanic Limited bil-ħsieb li jintużaw fl-istabbiliment numru 71, The Strand, Sliema, mikri lill-atturi mingħand is-soċjetà konvenuta, ġew milquta b'mandat ta' qbid li l-ħruġ tiegħu ntalab mis-soċjetà konvenuta. Bejn l-atturi u s-soċjetà konvenuta hemm proċeduri separati intavolati mis-soċjetà konvenuta Stivala Properties Limited li talbet lill-Qorti tiddikjara li l-atturi huma debituri tagħha f'arretrati ta' kera, ħlas ta' penali u ħlas ta' kontijiet tad-dawl u l-ilma, li huma naqsu milli jħallsu lilha, wara li kienu krew mingħandha l-fond bin-numru 71, The Strand, Tas-Sliema bil-ħsieb li jiġġestuh bħala ristorant. L-imsemmija kawża qiegħda ukoll tiġi deċiża llum. L-imsemmija kirja ġiet fi tmiemha qabel iż-żmien miftiehem bejn il-partijiet minħabba li esponenti tas-soċjetà konvenuta kienu indunaw fit-18 ta' Awwissu 2015 li l-atturi kienu qegħdin jieħdu oġġetti li kien hemm fl-

[52] *A fol.* 138 tal-proċess.

istabbiliment mikri lilhom u jgħabbuhom fuq *container,* u quddiem din is-sitwazzjoni, l-aħwa Stivala għamlu rapport lill-Pulizija fejn allegaw li kienu qegħdin jiġu misruqa minn waħda mill-proprjetajiet tagħhom. Aktar tard ġie ċċarat mill-konvenuti li huma kienu se jitolbu lill-Qorti tordna l-ħruġ ta' mandat ta' qbid sabiex l-oġġetti hekk maqbuda jintużaw bħala garanzija għad-debiti allegatament dovuti mill-atturi, konsistenti f'kirjiet, penali u ħlasijiet ta' dawl u ilma.

L-atturi jsostnu li s-soċjetà Titanic Limited ma daħlet fl-ebda relazzjoni kontrattwali mal-konvenuti jew ma' wħud minnhom u għalhekk ma tistax tintalab toffri garanzija jew tagħmel tajjeb għal obbligazzjonijiet li daħlu għalihom l-atturi f'isimhom personali. L-atturi ppremettew li huma sfaw spossessati mill-fond mikri lilhom meta waqt li kienu qegħdin joħorġu oġġetti li jappartjenu lil Titanic Limited mill-fond mikri lilhom, u dan bil-ħsieb li dan il-fond jitbattal, huma ġew interċettati mill-konvenuti li talbu l-assistenza tal-Pulizija sabiex iwaqqfu lill-atturi milli jkomplu joħorġu dawn l-oġġetti, wara li l-konvenuti infurmaw lill-Pulizija li huma kienu qegħdin jiġu misruqa minn proprjetà tagħhom. L-atturi argumentaw li l-proprjetà ta' Titanic Limited ittieħdet mingħandha b'falsità, b'qerq, b'estorsjoni u bi frodi meta l-konvenuti bidlu s-serratura tal-fond u naqsu milli jippermettu lill-atturi jerġgħu jidħlu fih sabiex joħorġu minn hemm l-effetti personali tagħhom kollha. Inoltre l-atturi jsostnu li l-konvenuti, jew uħud minnhom, qarrqu bihom meta krew il-fond inkwistjoni lil terzi b'oġġetti appartenenti lil Titanic Limited fih. In vista ta' dan l-atturi jsostnu li s-soċjetà Titanic Limited sofriet danni u ħsara fi proprjetà tagħha, u dawn id-danni qegħdin jiżdiedu ma' kull ġurnata li tgħaddi stante li dawn l-oġġetti, fosthom apparat u tagħmir elettroniku li jintuża fl-industrija tal-*catering,* ma jkunx qiegħed isir użu minnhom.

Il-Qorti kkonsidrat li l-oġġetti kollha li kienu jinsabu fil-fond 71, The Strand, Sliema, ġew milquta bl-effetti l-imsemmi mandat ta' qbid numru 1323/2015, tant hu hekk li bid-digriet mogħti fit-28 ta' Settembru, 2015[53], il-Qorti ordnat lill-kunsinnatarju jieħu taħt il-kustodja tiegħu l-oġġetti kollha maqbuda, inkluż dawk li kienu għadhom fil-pussess tas-soċjetà eżekutanti. Għalhekk il-Qorti tqis li fl-istabbiliment numru 71, The Strand, Sliema, ma tħallewx oġġetti li jappartjenu lill-atturi jew lis-soċjetà Titanic Limited minħabba li l-Qorti ordnat li dak kollu li kien ġie maqbud mill-imsemmi fond, jittieħed taħt il-kustodja tal-kunsinnatarju. F'dan ir-rigward, għandhom raġun l-aħwa Stivala u s-soċjetà konvenuta jeċċepixxu li l-oġġetti li l-atturi qegħdin jitolbu li jiġu ritornati lilhom, ma jinsabux fil-pussess tagħhom, għaliex dawn ilhom taħt il-kustodja tal-kunsinnatarju mit-28 ta' Settembru, 2015.

Fir-rigward tal-ewwel talba tal-atturi, sabiex il-Qorti tiddikjara li l-kirja tal-fond 71, The Strand Sliema, ġiet terminata dakinhar li nbidlet is-serratura mill-konvenuti fit-18 ta' Awwissu, 2015, il-Qorti qiegħda tippronunzja ruħha b'mod separat fil-kawża bir-Rikors Maħluf numru 742/2015, li wkoll qiegħda tkun deċiża illum. Il-Qorti hija tal-fehma li ladarba l-atturi ma kienx fadlilhom aċċess għall-fond inkwistjoni, peress li l-konvenut Martin John Stivala kien bidel is-serratura tal-fond, anki kontra l-parir tal-Pulizija li kienu preżenti fuq is-sit, u l-atturi ma ngħatawx kopja taċ-ċavetta l-ġdida, il-kirja ġiet fi tmiemha b'effett minn dakinhar.

Dwar it-tieni talba tal-atturi, li l-oġġetti kollha fil-fond inkwistjoni huma proprjetà ta' Titanic Limited, il-Qorti hi rinfaċċjata minn verżjonijiet konfliġġenti li taw il-partijiet. Is-soċjetà attriċi ppreżentat numru ta' fatturi li

[53] *A fol.* 92 tal-proċess.

jindikaw li hi xtrat diversi oġġetti sabiex jintużaw fil-fond, b'uħud mill-fornituri jgħidu li kien hemm xi ammonti żgħar li kienu tħallsu minn Stivala Properties Limited. Ma ġiex iċċarat mill-partijiet liema mill-oġġetti li kien hemm fil-fond kienu nxtraw mill-atturi jew mis-soċjetà Titanic Limited u liema mill-oġġetti kienu nxtraw mis-soċjetà konvenuta. Carlo Stivala fix-xhieda tiegħu irrikonoxxa li fil-fond 71, The Strand, Sliema, kien għad hemm oġġetti li jappartjenu lis-soċjetà attriċi jew lill-atturi anki fil-ħin meta nbidlet is-serratura tal-fond inkwistjoni u l-atturi ma tħallewx jidħlu aktar fih. Jidher ukoll li l-kunsinnatarju qatt ma ntalab jippreżenta elenku dettaljat ta' liema kienu l-oġġetti li ttieħdu taħt il-kustodja tiegħu, sabiex ikun jista' jiġi stabbilit mill-partijiet liema huma l-oġġetti li nxtraw minn Titanic Limited u liema huma l-oġġetti li nxtraw minn Stivala Properties Limited. Madanakollu l-Qorti hi konvinta mill-fatturi dettaljati li ġew esebiti f'din il-kawża, li s-soċjetà Titanic Limited kienet għamlet investiment inizjali qawwi fix-xiri ta' apparat u tagħmir sabiex seta' jintuża fl-istabbiliment mikri mill-atturi Andrea Perrino u Maria Catalano, tant hu hekk li l-valur ta' dawn l-oġġetti, abbażi ta' dak li jirriżulta mill-fatturi li ġew ippreżentati, iqarreb il-mitt elf Euro (€100,000). Fost dawn l-oġġetti kien hemm ukoll għadd ta' *consumables,* inkluż ikel u x-xorb. It-talba tal-atturi f'dan ir-rigward hi speċifikament sabiex il-konvenuti jiġu kkundannati jirritornaw dawn l-oġġetti lil Titanic Limited u dan fi żmien li għandu jiġi stabbilit mill-Qorti.

Minkejja li l-Qorti tirrikonoxxi li l-atturi għamlu investiment qawwi fix-xiri tal-apparat u oġġetti mobbiljari li kienu qegħdin jintużaw fil-fond mertu tal-kawża, dawn l-oġġetti ma jirriżultax li qegħdin fil-pussess tal-konvenuti, anki jekk il-kunsinnatarju xehed li l-oġġetti elevati tpoġġew f'garaxx li jappartjeni lis-soċjetà konvenuta. Il-Qorti hija tal-fehma li t-talba għar-rilaxx ta' dawn l-

oġġetti milquta mill-mandat ta' qbid, ma kellhiex issir permezz ta' kawża kontra l-konvenuti, iżda l-liġi tagħna tipprovdi għal azzjoni appożita sabiex oġġetti maqbuda u miżmuma taħt l-awtorità tal-Qorti jiġu rilaxxjati, f'każ li jinstab li hemm raġunijiet biżżejjed għal tali rilaxx. Dak li kellhom jagħmlu l-atturi kien li jintavolaw proċeduri li bihom tiġi attakkata l-eżekuzzjoni tal-mandat, fejn isostnu li l-effetti tal-mandat ta' qbid laqtu oġġetti li kienu jappartjenu lis-soċjetà attriċi li m'għandha x'taqsam xejn mal-pretensjonijiet tal-konvenuti, u mhux jintavolaw kawża kontra l-konvenuti, donnhom huma l-konvenuti li qegħdin iċaħħdu lill-atturi minn ħwejjiġhom. Il-konvenuti fittxew li jaġixxu biex iħarsu l-interessi tagħhom billi intavolaw mandat ta' qbid minħabba li qiesu li dak il-mandat kien l-uniku mod kif setgħu jassiguraw li jkollhom garanzija xierqa għall-ħlas ta' dak li huma jippretendu li huwa dovut lilhom. Ma jfissirx li għax il-konvenuti fittxew li jħarsu l-interessi tagħhom, l-atturi kellhom id-dritt li ffittxuhom għall-ħsara allegatament sofferta minnhom minħabba li kienu sprovvisti minn dawn l-oġġetti, jew minħabba li dawn l-oġġetti ma kinux qegħdin jintużaw. Anki hawn il-Qorti tara kontradizzjoni bejn dak li ġie allegat mill-atturi li qalu li l-fond inkwistjoni inkera lil terzi b'oġġetti mobbiljari tagħhom fih, u t-talba tal-istess atturi li l-oġġetti maqbuda mill-Qorti qiegħda ssirilhom ħsara minħabba li mhumiex jintużaw. Fl-isfond ta' dak li ġara fit-18 ta' Awwissu, 2015, il-konvenuti raw kif permezz tal-mandat ta' qbid ikollhom garanzija għall-ħlas ta' dak li huma jippretendu li huwa dovut lilhom. It-talba tal-konvenuti għall-ħruġ tal-mandat intlaqgħet mill-Qorti, u l-effetti ta' dak il-mandat għadhom fis-seħħ. Jekk skont l-atturi hemm maqbudin oġġetti ta' terzi li mhumiex debituri, u li għandhom jinħelsu mill-effetti ta' dak il-mandat ta' qbid, il-leġiżlatur ħaseb għal proċedura appożita li lanqas hemm il-ħtieġa li ssir b'rikors maħluf, iżda tali proċedura ċertament li ma tinkludix azzjoni għad-danni kontra l-

konvenuti, li kellhom kull dritt jirrikorru għall-miżuri kawtelatorji li tipprovdi l-liġi sabiex jiżguraw li l-jeddijiet tagħhom jiġu mħarsa b'kull mod li ttihom il-liġi.

F'dan il-kuntest il-Qorti ma tistax tilqa' t-talbiet tal-atturi kif postulati, liema talbiet jirriżulta li huma msejsa fuq il-premessa żbaljata li l-oġġetti milquta bil-mandat ta' qbid jinsabu fil-pussess tal-konvenuti, meta dan jirriżulta li mhux il-każ. Huwa minnu li l-kirja ġiet itterminata fit-18 ta' Awwissu, 2015, u li minn dakinhar l-oġġetti li kien hemm fl-istabbiliment inkwistjoni kienu ttieħdu taħt il-kustodja ta' kunsinnatarju, iżda l-atturi kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom proċedura oħra li setgħu jagħmlu użu minnha jekk riedu li proprjetà ta' terzi tinħeles mill-effetti tal-mandat ta' qbid.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà konvenuta Stivala Properties Limited;**

2. **Tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti aħwa Carlo, Ivan u Martin John Stivala;**

3. **Tilqa' l-ewwel talba tal-atturi u limitatament fir-rigward ta' din it-talba, tagħmel riferiment għad-deċiżjoni mogħtija llum fil-kawża Rikors Maħluf Numru 972/2015 LM;**

4. **Tiċħad it-talbiet l-oħra tal-atturi.**

**Bl-ispejjeż kontra l-atturi.**

Moqrija.